**Qorti Civili - Prim Awla**

**Onor. Imhallef Dr Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**

**Rikors Revoka Nru: 849/21JVC**

**Fl-atti tal-mandat ta' sekwestru Nru: 1112/21JVC**

**Martinique Limited**

**vs**

**Michele Peresso Limited**

**Illum 20 ta' Lulju 2022**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' Michele Peresso Limited permezz ta' liema u ghar-ragunijiet kif esposti fl-istess talbet ir-revoka tal-mandat ta' sekwestru numru 1112/21 datat 26 ta' Awwissu, 2021 fit-termini tal-Artikolu 836 (1) (c) tal-Kap. 12;

Tirrileva illi n-numru tal-mandat ta' sekwestru gie indikat erronjament bhala 112/21 izda l-Qorti vverifikat illi n-numru korrett huwa 1112/21;

Illi s-sekwestrata tressaq l-argumenti li jsegwu ghar-revoka tal-mandat:

i) Illi s-socjeta` sekwestranti ma ghandha l-ebda titiolu fuq il-proprjeta' li dwarha hija qed tippretendi l-hlas ta' danni mis-socjeta' sekwestrata;

ii) Illi s-sekwestrata prezentat kontestwalment mar-rikors odjern u minghajr pregudizzju cedola u cioe' garanzija bankarja ghas-somma ta' €112,452 pretiza u ghalhekk dak pretiz jinsab ampjament kawtelat;

Il-Qorti rat ic-cedola u l-garanzija bankarja allegatament prezentati fir-Registu tal-Qorti stante li dawn il-kopji m'ghandhomx it-timbru tar-Registru li jevidenzjaw jekk gewx prezentati jew le;

Rat id-digriet taghha tas-17 ta' Settembru 2021 fejn ordnat li l-atti tal-mandat ta' sekwestru bin-numru 1112/2021 jigu annessi mal-atti odjerni. Rat ukoll l-atti tac-cedola 1604/21 datata 20 ta' Awwissu, 2021 u tordna li vera kopja tal-istess tigi inserita fl-atti tar-rikors odjern. Ikkonfermat li ghalkemm debitament prezentata din ic-cedola flimkien mal-garanzija bankarja (li korrettement tindika in-numru tal-mandat a' sekwestru bhala 1112/21) sal-lum tidher li mhux notifikata lill-kontro-parti.

Rat li sat-30 ta' Marzu, 2022 ir-rikors ghar-revoka tal-mandat kien ghadu mhux debitament notifikat u ghalhekk din il-Qorti ghaddiet sabiex tappunta r-rikors ghas-smigh ghat-30 ta' Gunju, 2022;

Rat li fil-verbal tat-30 ta' Gunju 2022 Dr. Stephen Thake ghan-nom ta' Michele Peresso Ltd gie notifikat bir-rikors bi zmien ghaxart ijiem ghar-risposta;

Rat ir-risposta tas-sekwestranti Martinique Limited datata 11 ta' Lulju, 2022 fejn ghar-ragunijiet kif esposti talbet li din il-Qorti tichad it-talba ghar-revoka tal-mandat. Illi primarjament l-opposizzjoni tas-socjeta' sekwestranti huma:

i) Illi wara li tinghata sentenza *res judicata* jista' b'xi mod isir xi rikors li jtawwal il-proceduri ghall-hlas oltre s-sittin jum li l-istess garanzija bankarja hija valida;

ii) Illi l-garanzija moghtija hija wahda unilaterali tal-bank minghajr l-involviment tas-socjeta' kreditrici.

Illi l-Qorti tqis li l-ewwel raguni moghtija mis-sekwestrata ghar-revoka tal-mandat u cioe' li s-sekwestranti m'ghandha l-ebda jedd fuq il-proprjeta' in kwistjoni hija kwistjoni fil-mertu li ghandha tigi deciza mill-Qorti li qed tisma' l-kawza fil-mertu u mhux f'lokha fir-rikors ghar-revoka odjern. Izda l-Qorti rat li s-socjeta' sekwestrata apparti din ir-raguni, tat ukoll bhala raguni ghar-revoka il-fatt li giet prezentata garanzija bankarja favur is-socjeta' sekwestranti;

Illi fil-fehma tal-Qorti l-oggezzjoni tas-socjeta' sekwestranti ghar-revoka tal-mandat ta' sekwestru ghal dik li hi l-garanzija bankarja hija wahda frivola ghall-

ahhar u r-ragunijiet moghtija huma ragunijiet mgebbdin f'estremita` li juru biss l-intenzjoni li s-socjeta' sekwestranti tivvessa lis-sekwestrata u mhux verament ghar-raguni li l-kreditu mhux kawtelat.

Illi din il-Qorti hija sodisfatta li l-garanzija bankarja in kwistjoni tassigura sufficjentement l-pretensjoni tas-socjeta' sekwestranti u ghalhekk ser tghaddi sabiex tilqa' t-talba ghar-revoka tal-mandat ta' sekwestru bin-numru 1112/2021 fit-termini tas-subartikolu ndikat, salv ghall-effett tieghu fuq il-garanzija bankarja msemmija.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet suesposti l-Qorti tghaddi sabiex tilqa' t-talba limitatament billi tillimita l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 1112/2021 unikament ghall-garanzija bankarja datata 17 ta' Awwissu, 2021, kopja taghha esebita a fol. 4 tal-process odjern (cedola 1604/21), filwaqt li tirrevokah fil-bqija a tenur tal-artikolu 836 (1) (c) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez jigu decizi mad-decizjoni finali.

**Komunika: Avukati tal-partijiet**

**Onor. Dr Joanne Vella Cuschieri**
**Imhallef**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**